IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.11.2025
COM(2025) 686 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-evalwazzjoni tal-Qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT

{SWD(2025) 350 final}

## 1. INTRODUZZJONI

It-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT, Value Added Tax) hija taxxa armonizzata fuq il-konsum fl-Unjoni Ewropea (UE), imposta fuq il-bejgħ tal-biċċa l-kbira tal-prodotti u s-servizzi, inklużi t-tranżazzjonijiet transfruntiera bejn l-Istati Membri, kif ukoll fuq l-importazzjonijiet. Din tirrappreżenta sors ewlieni ta' dħul għall-Istati Membri u tikkontribwixxi direttament għall-baġit tal-UE. Is-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE kif ukoll il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern jirrikjedu qafas komprensiv tal-UE għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-VAT fuq il-prodotti u s-servizzi tiġi applikata b'mod korrett u l-frodi tiġi indirizzata b'mezzi adegwati. Sabiex l-isfida tal-kontroll tal-VAT fuq it-tranżazzjonijiet intra-UE titqiegħed f'perspettiva, it-tranżazzjonijiet bejn l-Istati Membri ġew ivvalutati għal EUR 4,135 triljun fl-2023[1] b'6,5 miljun negozjant attiv[2]. It-telf tal-VAT minħabba l-aktar skema komuni ta' frodi tal-VAT imsejħa Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC, Missing Trader in Intra-Community) jirrappreżenta EUR 12,5 biljun sa EUR 32,8 biljun fis-sena[3].

F'dawn l-aħħar ftit snin, l-UE ħadet għadd ta' deċiżjonijiet importanti biex issaħħaħ din il-kooperazzjoni mingħajr ma tpoġġi piż żejjed fuq il-persuni taxxabbli b'obbligi ta' rapportar. L-aktar deċiżjoni riċenti bħal din kienet l-adozzjoni tal-VAT fil-Pakkett dwar l-Età Diġitali[4] fil-11 ta' Marzu 2025. Bl-obbligi l-ġodda ta' rapportar diġitali li se jidħlu fis-seħħ fl-2030, l-Istati Membri se jkunu mgħammra aħjar biex jindirizzaw il-frodi transfruntiera tal-VAT u jissalvagwardjaw id-dħul tagħhom. Fl-2020, l-UE ddeċidiet li tindirizza l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku bl-użu ta' data dwar il-pagamenti transfruntiera miksuba mill-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti[5]. Sa minn Jannar 2024, id-data hija għad-dispożizzjoni ta' esperti kontra l-frodi u l-ewwel rapport dwar ir-riżultati huwa mistenni fix-xhur li ġejjin. Fl-2018, il-miżuri kontra l-frodi fil-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT ġew imsaħħa b'mod sinifikanti billi l-Eurofisc (network ta' esperti kontra l-frodi) tħalla jipproċessa b'mod konġunt id-data dwar il-VAT sabiex tiġi identifikata l-frodi tal-VAT. Dan ippermetta qabża kbira fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE.

L-għan ta' dan ir-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT[6] huwa li jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bis-sejbiet tal-evalwazzjoni li l-Kummissjoni wettqet bejn l-2023 u l-2024 kif ukoll bit-triq 'il quddiem proposta. Dan iservi wkoll bħala r-rapport li l-Kummissjoni tippreżenta kull 5

---

1 https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Intra-EU_trade_in_goods_-_main_features

2 Abbażi tal-istatistika annwali pprovduta mill-Istati Membri.

3 Studju dwar id-diskrepanza fil-konformità mal-VAT minħabba Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC) tal-2024. https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/dd40080c-bd27-11ef-91ed-01aa75ed71a1/language-mt

4 https://taxation-customs.ec.europa.eu/taxation/vat/vat-digital-age-vida_mt

5 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/284 rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-forniturі ta' servizzi ta' pagament u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/283 fir-rigward ta' miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT.

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud; ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1–18.

snin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva fir-rigward tal-VAT[7].

## 2. SEJBIET TAL-EVALWAZZJONI

L-evalwazzjoni tanalizza l-funzjonament tal-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT bl-użu tal-kriterji standard ta' evalwazzjoni (effettività, effiċjenza, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE) biex tivvaluta l-mezzi kollha ta' kooperazzjoni previsti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 sottostanti dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tal-VAT. Dawn huma rranġati fil-kategoriji li ġejjin:

- **L-iskambju ta' informazzjoni** jippermetti lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa jitolbu informazzjoni addizzjonali dwar il-persuni taxxabbli biex jassistu fil-proċeduri ta' kontroll nazzjonali;
- **L-awditi transfruntiera** jippermettu lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa joħolqu tim tal-awditjar multinazzjonali biex janalizzaw b'mod konġunt is-sitwazzjoni tal-VAT tal-kumpaniji;
- **Data kondiviża**: is-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT (VIES, VAT Information Exchange System) fiha d-data kollha dwar it-tranżazzjonijiet transfruntiera bejn l-Istati Membri;
- **Eurofisc:** network ta' esperti kontra l-frodi minn amministrazzjonijiet tat-taxxa li jistgħu jipproċessaw b'mod konġunt l-informazzjoni biex jidentifikaw il-frodi u jaġixxu bħala mekkaniżmu ta' twissija bikrija;
- **L-għoti ta' informazzjoni lill-persuni taxxabbli** jippermetti lill-persuni taxxabbli jivverifikaw il-validità tan-numru tal-VAT ta' klijent fi Stat Membru ieħor qabel ma jipprovdu oġġetti u servizzi.

Filwaqt li d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja r-rapport jipprovdi dettalji dwar il-forom differenti ta' kooperazzjoni, dan ir-rapport joffri ħarsa ġenerali fil-qosor lejn l-aktar sejbiet importanti tal-evalwazzjoni.

### 2.1. Effettività

L-effettività tal-mezzi differenti ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-VAT ġiet ivvalutata fir-rigward tal-objettivi speċifiċi li ġejjin tal-qafas tal-UE:

- li **jittejjeb l-użu tal-istrumenti eżistenti ta' kooperazzjoni amministrattiva** fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi relatata mal-VAT u li **jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni** bejn l-Istati Membri;
- li **jingħata kontribut għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT** permezz ta' identifikazzjoni u żarmar rapidi u aktar effettivi ta' networks frawdolenti relatati mal-VAT;
- li **jittejjeb l-approċċ multidixxiplinari** għall-ġlieda u għall-prevenzjoni tal-frodi relatata mal-VAT permezz ta' kapaċità ta' reazzjoni aktar rapida u koordinata u aċċess aħjar għall-informazzjoni dwar il-VAT minn awtoritajiet differenti (awtoritajiet amministrattivi, doganali, tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni).

[7] L-Artikolu 59 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.

Dwar l-ewwel objettiv, **il-qafas tal-UE jkompli jtejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT** billi jipprovdi l-bażi legali li tissarraf f'bosta għodod ta' kooperazzjoni li jippermettu lill-Istati Membri jaħdmu flimkien b'mod effettiv. Dawn l-għodod għandhom jitqiesu bħala sett ta' għodod li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jistgħu jużaw skont il-ħtiġijiet tagħhom. L-Istati Membri japprezzaw dan bħala assi tal-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT.

Fost l-għodod ta' kooperazzjoni differenti, l-iskambju ta' informazzjoni jista' jkun l-aktar wieħed viżibbli iżda jintuża inqas ta' spiss meta mqabbel mal-passat. L-għadd ta' skambji ta' informazzjoni fuq talba, pereżempju, naqas bi kważi 25 % matul l-aħħar 6 snin biex stabbilizza għal 30 000 skambju fl-2023. Dan it-tip ta' kooperazzjoni huwa stabbilit sew fil-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT. Madankollu, fi 28 % tal-każijiet, l-informazzjoni sħiħa tiġi riċevuta wara l-iskadenza ta' 30 jum. Dan jagħmel l-informazzjoni riċevuta inqas siewja u jfixkel il-kapaċità tal-Istati Membri li jibdew azzjonijiet effettivi kontra l-frodi. B'riżultat ta' dan, kien hemm bidla kontinwa lejn mezzi ta' kooperazzjoni aktar effiċjenti, bħall-Eurofisc. Osservazzjoni simili saret għall-awditi transfruntiera. L-Istati Membri kienu jniedu aktar awditi bħal dawn, li dak iż-żmien kienu jitqiesu bħala mezz effettiv għall-indirizzar tal-frodi karusell. Madankollu, bl-iżvilupp tal-Eurofisc, l-istess informazzjoni tista' tingħabar aktar malajr u mingħajr il-ħtieġa ta' awditi transfruntiera kkoordinati.

L-Istati Membri jqisu li l-Eurofisc huwa l-aktar mezz effettiv ta' kooperazzjoni u japprezzaw il-flessibbiltà li joffri n-network. L-esperti maħtura mill-awtoritajiet tagħhom biex jikkooperaw fin-network jaħdmu mill-qrib flimkien ta' kuljum u jistgħu jwieġbu għal talbiet mingħajr il-ħtieġa ta' skambju twil ta' informazzjoni. L-Eurofisc huwa mgħammar wkoll b'għodod elettroniċi mibnija apposta li jawtomatizzaw il-ġbir tad-data u jwettqu valutazzjoni tar-riskju preliminari, kompiti li kienu jsiru manwalment qabel l-2019. Dan jippermetti li jiġi ingranat aħjar l-għarfien u li jkun hemm aktar enfasi fuq l-analiżijiet finali. L-Istati Membri japprezzaw li jirċievu sinjali ta' frodi li huma ssostanzjati b'analiżi tal-isfond u stima ta' telf potenzjali tal-VAT. L-azzjoni meħtieġa kontra l-frodi tista' tittieħed aktar malajr mingħajr il-ħtieġa li jerġgħu jiġu kkonsultati pajjiżi oħra.

Fl-aħħar nett, il-qafas tal-UE jservi wkoll lill-persuni taxxabbli billi jassisti lin-negozjanti intra-UE jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jivverifikaw il-validità tan-numru tal-VAT tal-klijent tagħhom fi Stat Membru ieħor. Il-VIES tiġi kkonsultata għal dak il-għan sa 17-il miljun darba kuljum u l-użu tagħha tjieb matul il-perjodu kopert mill-evalwazzjoni. In-negozjanti japprezzaw il-konferma immedjata tal-informazzjoni pprovduta mill-klijent. Is-sistema tippermetti wkoll lin-negozjanti jissejvjaw il-prova li huma wettqu l-validazzjoni, li imbagħad jistgħu jippreżentaw lill-awtoritajiet tat-taxxa f'każ ta' awditjar.

Dwar it-tieni objettiv fuq **il-kontribut għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT**, l-evalwazzjoni tiffoka fuq l-Eurofisc bħala l-għodda ċentrali użata mill-Istati Membri biex jidentifikaw frodi transfruntiera tal-VAT. Minħabba l-funzjonament u r-riżultati tiegħu, l-Eurofisc huwa apprezzat ħafna mill-utenti primarji tiegħu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Dan jissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' analiżi kontra l-frodi tal-VAT għat-tranżazzjonijiet transfruntiera. In-network identifika valur ta' EUR 14,8 biljun ta' suspett ta' frodi fl-2024. Dan isarraf f'EUR 3 biljun ta' telf potenzjali ta' VAT. Meta mqabbel mal-istudju dwar id-diskrepanza tal-MTIC tal-2024, dan l-ammont jirrappreżenta biss 24 % tal-livell aktar baxx stmat ta' frodi MTIC. Dan jissuġġerixxi li l-Eurofisc għandu jiskopri

aktar każijiet ta' frodi transfruntiera tal-VAT. L-evalwazzjoni identifikat mezzi possibbli għat-titjib tal-effettività tal-Eurofisc li se jiġu deskritti aktar f'dan ir-rapport.

L-Eurofisc ikopri sew il-ħtiġijiet tal-Istati Membri biex jiġġieldu l-frodi tal-VAT permezz ta' mezzi amministrattivi. Barra minn hekk, ir-riżultati tiegħu jitjiebu bħala medja b'20 % kull sena u l-aċċess għal sorsi ġodda ta' informazzjoni bħad-data doganali u l-informazzjoni dwar ir-reġistrazzjonijiet tal-karozzi żied b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-Eurofisc li jidentifika każijiet ta' frodi transfruntiera tal-VAT. L-evalwazzjoni tiżvela wkoll li informazzjoni addizzjonali, inklużi r-reġistri tas-sjieda tal-benefiċjarji u d-data bankarja, tista' tippermetti lin-network jidentifika networks frawdolenti ġodda billi jsib konnessjonijiet li ma jidhrux fid-data dwar il-VAT weħidha.

*Tabella 1: Ammonti ta' tranżazzjonijiet frawdolenti tal-VAT identifikati mill-Eurofisc bl-użu ta' Analiżi tan-Networks ta' Tranżazzjonijiet* [8]

| | **2020** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** |
|---|---|---|---|---|---|
| Ammont ta' tranżazzjonijiet frawdolenti jew suspettużi skoperti (f'miljuni ta' EUR) relatati ma' Negozjanti Intra-Komunitarji Neqsin | 3 300 | 8 100 | 10 874 | 12 735 | 12 100 |
| Ammont ta' tranżazzjonijiet frawdolenti jew suspettużi skoperti (f'miljuni ta' EUR) relatati mal-vetturi | M/D | M/D | M/D | 1 899 | 2 700 |
| Għadd ta' frodisti identifikati | 2 093 | 2 161 | 2 907 | 5 171 | 6 147 |
| Għadd ta' deregistrazzjonijiet tal-VAT | 495 | 775 | 1 942 | 2 995 | 2 665 |

Dwar l-aħħar objettiv li jittejjeb l-**approċċ multidixxiplinari għall-indirizzar tal-frodi tal-VAT**, il-konklużjoni tal-evalwazzjoni hija li l-qafas tal-UE naqas f'dan ir-rigward. Il-possibbiltajiet li l-qafas tal-UE joffri għal skambji mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office européen de lutte antifraude) u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) ma jintużawx jew jintużaw biss b'mod sporadiku, minħabba l-fatt li tali skambji ma jistgħux isiru fuq l-inizjattiva tal-OLAF u lanqas ta' Europol, iżda jistgħu jiġu skattati biss mill-Eurofisc. Fil-każ tal-OLAF, l-Eurofisc qatt ma sfrutta din il-possibbiltà, u fil-każ tal-Europol, rarament. Għalhekk, l-Istati Membri xorta waħda jippreferu jużaw il-kanali nazzjonali biex jikkuntattjaw lill-OLAF jew lill-Europol minflok il-possibbiltajiet offruti mill-qafas tal-UE. Barra minn hekk, l-aċċess dirett għall-informazzjoni dwar il-VAT skambjata skont il-qafas tal-UE huwa riżervat għall-awtoritajiet tat-taxxa u f'xi każijiet limitati għad-dwana. Madankollu, din l-informazzjoni hija kruċjali għal awtoritajiet oħra li jinvestigaw frodi transfruntiera tal-VAT, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-korpi tal-UE.

L-OLAF ikkonkluda investigazzjonijiet amministrattivi dwar każijiet ta' frodi doganali b'rakkomandazzjonijiet għall-irkupru ta' dazji li saret evażjoni tagħhom fl-ammont ta' madwar EUR 1,12 biljun għall-perjodu 2022-2024. Il-Europol ipprovdiet appoġġ siewi għall-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), u tirċievi wkoll data rilevanti biss direttament mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fuq bażi volontarja. Dawn il-każijiet huma marbuta b'mod inseparabbli

[8] L-istatistika rrapportata min-network tal-Eurofisc u ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni (https://taxation-customs.ec.europa.eu/taxation/vat/vat-and-administrative-cooperation/eurofisc_mt). L-MTIC ġiet identifikata fit-TNA sa mill-2020 u l-frodi tal-vetturi mill-2023

mal-evażjoni tal-VAT fuq l-importazzjoni u l-OLAF informa lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti bis-sejbiet tiegħu relatati mal-VAT li saret evażjoni tagħha, biex ikunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet fil-livell nazzjonali. Kif sabet il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 8/2025, minkejja li sa ftit ilu l-kooperazzjoni tal-Istati Membri mal-OLAF fi kwistjonijiet doganali u tat-taxxa fil-każ ta' frodi tas-CP42 kienet limitata għal frodi ta' sottovalwazzjoni, fl-2024, l-OLAF beda jiffoka u jikkoopera mal-Istati Membri dwar l-evażjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni u l-VAT għall-merkanzija introdotta illegalment fl-UE u mibgħuta lill-konsumaturi finali permezz tal-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, l-OLAF huwa attiv ukoll fl-identifikazzjoni ta' ċentri ta' reġistrazzjoni tal-VAT għal kumpaniji fantażmi li jintużaw bħala importaturi frawdolenti fi skemi ta' frodi relatati mal-VAT u mad-dwana. Fl-aħħar nett, mill-2024, l-OLAF nieda investigazzjonijiet fir-rigward tal-evażjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni u l-frodi tal-VAT relatati mal-importazzjonijiet minn pjattaformi online mbiegħda taħt il-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet. Dan jinkludi kontroverifika estensiva tad-data dwar l-importazzjoni u l-VAT bl-użu ta' għodod analitiċi avvanzati biex tiġi identifikata l-evażjoni tal-VAT.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huwa kompetenti biex jinvestiga u jipprosegwixxi l-frodi transfruntiera tal-VAT li tinvolvi dannu totali ta' mill-inqas EUR 10 miljun. Fl-2024, l-UPPE fetaħ investigazzjonijiet dwar il-frodi transfruntiera tal-VAT għal danni stmati ta' EUR 13,15 biljun. Bħalissa, ma hemm l-ebda skambju ta' informazzjoni bejn l-Eurofisc u l-UPPE fil-livell tal-UE. L-UPPE jeħtieġlu li jiddependi fuq il-kanali nazzjonali biex jikseb l-informazzjoni meħtieġa, li ddewwem it-trażmissjoni ta' tali informazzjoni u tikkomplika l-proċess tal-ġbir ta' sett ta' data komplut tal-evidenza. **Aċċess dirett fil-livell tal-UE għad-data rilevanti dwar il-VAT fuq tranżazzjonijiet transfruntiera għall-UPPE ikun jista' jissimplifika l-ġbir tal-evidenza relatata mal-frodi tal-VAT u jipprovdi punt ta' dħul uniku għal kwalunkwe data addizzjonali dwar il-frodi tal-VAT li tkun rilevanti għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-UPPE**. L-Istati Membri esprimew nuqqas ta' rieda li jikkondividu d-data dwar il-VAT permezz tal-Eurofisc mingħajr bażi legali espliċita fir-Regolament (UE) Nru 904/2010.

Madankollu, l-informazzjoni kruċjali dwar il-VAT skambjata skont il-qafas tal-UE ma hijiex aċċessibbli minn dawn l-awtoritajiet tal-UE u trid tinkiseb permezz ta' skambji bilaterali. Dan jirriżulta f'dewmien u frammentazzjoni tad-data. Dan idgħajjef l-effettività tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE. Fl-istess ħin, f'Marzu 2023[9], il-Kunsill saħaq li livelli ogħla ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija, il-gwardji tal-fruntiera u tal-kosta, l-awtoritajiet doganali, ġudizzjarji, amministrattivi u tat-taxxa, kif ukoll mal-istituzzjonijiet, mal-korpi, mal-aġenziji tal-UE u man-networks rilevanti tal-UE huma kruċjali fil-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet kriminali. Dawn l-organizzazzjonijiet kriminali huma involuti fi frodi transfruntiera tal-VAT bħala mezz ta' finanzjament għall-attivitajiet illeċiti l-oħra tagħhom. Fl-2021, il-Kunsill[10] qabel dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata permezz tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT, European multi-disciplinary platform against criminal threats). Il-frodi tal-VAT hija parti minn dawn il-

[9] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja: EMPACT 2022 +

https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7100-2023-INIT/mt/pdf

[10] Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata: il-Kunsill jistabbilixxi 10 prijoritajiet għall-4 snin li ġejjin https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/05/26/fight-against-organised-crime-council-sets-out-10-priorities-for-the-next-4-years/

prijoritajiet. Barra minn hekk, is-sejbiet tal-QEA f'diversi rapporti speċjali dwar il-qafas tal-VAT, għandhom jitqiesu kif xieraq[11].

Dan jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ l-approċċ multidixxiplinari fil-livell tal-UE, li l-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT jonqos milli jipprevedi b'mod effettiv kif inhu bħalissa.

### 2.2. Effiċjenza

L-Istati Membri esprimew sodisfazzjon fir-rigward tal-effiċjenza tal-istrumenti ta' kooperazzjoni amministrattiva[12]. Il-piż tal-konformità mal-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT jaqa' fil-biċċa l-kbira fuq l-awtoritajiet tat-taxxa li jimplimentaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom. Il-qafas innifsu ma jinvolvi l-ebda kost dirett għall-kontribwenti jew għaċ-ċittadini. Għall-kuntrarju, għandu l-għan li jissimplifika l-aċċess għall-informazzjoni u jnaqqas il-kostijiet tal-konformità li jirriżultaw mid-Direttiva tal-VAT[13] jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Fir-rigward tal-piż amministrattiv, mhux ħafna Stati Membri setgħu joffru stima preċiża tal-kostijiet li jġarrbu f'termini tal-IT jew tar-riżorsi umani li huma meħtieġa għall-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT, iżda l-ftit stimi pprovduti ma kinux jaqbżu EUR 250 000 fis-sena għal sistema bħall-VIES li tintuża 17-il miljun darba mill-kontribwenti kuljum għall-fatturazzjoni tagħhom. Mingħajr sistema bħal din, il-kontribwenti jiffaċċjaw kostijiet tal-konformità ħafna ogħla kif ukoll riskji finanzjarji meta jfornu fis-suq intern. Sistemi elettroniċi ċentrali bħall-Analiżi tan-Networks ta' Tranżazzjonijiet (TNA, Transaction Network analysis)[14] u s-Sistema Elettronika Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Pagamenti (CESOP, Central Electronic System of Payment information)[15] huma żviluppati mill-Kummissjoni bl-użu tal-programm Fiscalis[16], u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa li jiġu żviluppati sistemi simili fis-27 Stat Membru. It-TNA hija

---

11 Rapport Speċjali 08/2025: Frodi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq l-importazzjonijiet — L-interessi finanzjarji tal-UE ma humiex protetti biżżejjed fil-qafas tal-proċeduri doganali għall-importazzjoni simplifikati. Rapport Speċjali 12/2019: "Kummerċ elettroniku: ħafna mill-isfidi relatati mal-ġbir tal-VAT u tad-dazji doganali għad iridu jiġu riżolti". Rapport Speċjali 19/2017: "Proċeduri ta' importazzjoni: xi nuqqasijiet fil-qafas legali u implimentazzjoni ineffettiva għandhom impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE". Rapport Speċjali 24/2015: "L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni". Rapport Speċjali 13/2011: "Il-kontroll tal-proċedura doganali 42 jimpedixxi u jsib l-evażjoni tal-VAT?"

12 Għandu jiġi nnotat li l-Istati Membri mhux dejjem jistgħu jipprovdu stimi tal-kostijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT. Filwaqt li 61 % tal-Istati Membri jqisu li l-benefiċċji jisbqu l-kostijiet, 25 % tal-Istati Membri ma kinux jafu.

13 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 347, 11.12.2006

14 L-Analiżi tan-Networks ta' Tranżazzjonijiet hija sistema elettronika żviluppata u miżmuma mill-Kummissjoni biex tassisti lill-Eurofisc fil-ġbir u fl-analiżi tad-data. Il-funzjonament eżatt tagħha huwa sensittiv iżda, f'termini ġenerali, it-TNA tgħin lill-Eurofisc biex jivviżwalizza l-interkonnessjonijiet tal-kumpaniji fl-iskema ta' frodi u l-iskala tal-VAT f'riskju. Il-Kummissjoni ma għandhiex aċċess għad-data.

15 Is-CESOP hija s-sistema elettronika l-ġdida fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fis-settur tal-kummerċ elettroniku. Din ġiet introdotta f'Jannar 2024. Din tirċievi data dwar il-pagamenti transfruntiera mill-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti u tqabbilha mar-rapportar tal-VAT. L-għan huwa li jiġu identifikati kumpaniji li ma jirrapportawx biżżejjed jew li ma jirrapportawx. Din hija żviluppata u miżmuma wkoll mill-Kummissjoni mingħajr aċċess dirett għad-data pproċessata.

16 Ir-Regolament (UE) 2021/847 li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013

għodda għall-analiżi tar-riskju li tisfrutta d-data tal-VIES dwar tranżazzjonijiet transfruntiera; din ippermettiet lill-Eurofisc jidentifika EUR 14,6 biljun ta' tranżazzjonijiet suspettużi u rriżultat f'2 352 dereġistrazzjoni tal-VAT fl-2023, u b'hekk ġew imħarsa biljuni ta' euro ta' dħul mill-VAT. Is-CESOP tiġbor data dwar il-pagamenti transfruntiera u tippermetti lill-Eurofisc jagħmel kontraverifika tad-data tal-VAT b'data dwar il-benefiċjarji biex tiffaċilita d-detezzjoni tal-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Għal sistemi oħra, il-Kummissjoni tiżgura li s-sistemi żviluppati fil-livell nazzjonali jkunu interoperabbli, u b'hekk jiġu ffrankati l-kostijiet għall-Istati Membri kollha. F'dan ir-rigward, il-benefiċċji jisbqu l-kostijiet b'mod sinifikanti.

Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni tindika li hemm trikkib bejn l-għodod ta' kooperazzjoni. Xi obbligi ta' rapportar jistgħu jitneħħew biex jittaffa l-piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u għall-kontribwenti peress li l-informazzjoni ma għadhiex rilevanti jew disponibbli xi mkien ieħor.

### 2.3. Koerenza

Dwar il-koerenza tal-qafas tal-UE, il-valutazzjoni tqis kemm l-aspetti interni kif ukoll dawk esterni. Fir-rigward tal-koerenza interna, l-evalwazzjoni ma identifikat l-ebda inkonsistenza bejn id-dispożizzjonijiet fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 u l-interazzjoni tal-għodod differenti ta' kooperazzjoni, minkejja emendi ripetuti u frekwenti. L-Istati Membri japprezzaw il-varjetà ta' għodod, u l-maġġoranza ma jirrapportawx kunflitti bejniethom anke jekk jikkoinċidu f'xi każijiet. L-Istati Membri jagħżlu l-għodda t-tajba għall-ħtiġijiet tagħhom.

Fir-rigward tal-koerenza esterna, ma hemm l-ebda trikkib bejn ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 u leġiżlazzjoni oħra tal-UE bħad-Direttiva tal-VAT, id-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni[17] jew id-Direttiva dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati[18]; dawn huma pjuttost komplementari. Fil-fatt, it-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT huwa kompletament koerenti ma' politiki oħra tal-UE fil-qasam tal-VAT. Madankollu, in-nuqqas ta' dispożizzjoni legali fi ħdan ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010, adattat biex jiffaċilita l-kooperazzjoni reali u effettiva tal-VAT fil-livell tal-UE bejn l-awtoritajiet tat-taxxa li jipparteċipaw fil-Eurofisc u korpi/aġenziji investigattivi oħra bħall-UPPE, l-OLAF u l-Europol, jista' jitqies bħala inkonsistenza. Barra minn hekk, fil-każ tal-OLAF, dan ma huwiex konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97[19], li jittratta l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-liġi doganali, peress li l-frodi doganali hija marbuta b'mod inseparabbli mal-evażjoni tal-VAT fuq l-importazzjoni u possibbilment ukoll mal-evażjoni tal-VAT intra-UE. Filwaqt li l-ħtieġa ta' kooperazzjoni bejn dawn l-awtoritajiet kollha hija rikonoxxuta sew, l-iskambji ma jeżistux fil-prattika jew ma għandhomx bażi legali espliċita. B'mod partikolari, il-fatt li l-UPPE mhux qed jingħata aċċess dirett fil-livell tal-UE għad-data rilevanti dwar il-VAT fuq tranżazzjonijiet transfruntiera u li l-OLAF għandu possibbiltajiet limitati biex jikkoopera mal-Eurofisc u

[17] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE.

[18] Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra.

[19] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli.

mal-Istati Membri, kif ukoll inkonvenjenzi relatati mal-kollaborazzjoni tal-Europol, idgħajjef il-potenzjal tagħhom li jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Dawn il-problemi huma partikolarment rilevanti peress li l-kompetenzi fil-qasam tat-taxxa jappartjenu primarjament għall-Istati Membri u huma sensittivi ħafna politikament filwaqt li l-Eurofisc la għandu personalità ġuridika u lanqas struttura ġerarkika.

### 2.4. Valur miżjud tal-UE

Mingħajr il-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT, l-Istati Membri jkollhom jiddependu fuq ftehimiet bilaterali jew multilaterali peress li t-tranżazzjonijiet transfruntiera xorta jkunu jirrikjedu kontroll konġunt mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa. In-nuqqas ta' qafas tal-UE jfisser kostijiet addizzjonali biex jinbnew sistemi elettroniċi nazzjonali u biex dawn isiru interoperabbli ma' pajjiżi oħra.

Barra minn hekk, il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fit-tranżazzjonijiet transfruntiera tirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib tal-Istati Membri **kollha** sabiex ikollha impatt dejjiemi. L-approċċi nazzjonali jew saħansitra reġjonali ma jkunux effettivi. Il-frodisti jisfruttaw id-dgħufija ta' tali network billi jippożizzjonaw ruħhom fil-pajjiż li jikkoopera l-inqas.

Fl-aħħar nett, il-kostijiet tal-eżerċizzju tan-negozju fl-UE jiżdiedu wkoll jekk il-qafas tal-UE ma jkunx jeżisti. Huwa ta' vantaġġ għall-kontribwenti li jkunu jistgħu jivverifikaw il-validità tan-numri kollha tal-VAT tal-UE permezz ta' sit web wieħed u jevitaw li jkollhom jinbnew 27 interfaċċa ma' bażijiet tad-data nazzjonali.

### 2.5. Rilevanza

Il-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT jibqa' rilevanti peress li r-regoli li jirregolaw it-tranżazzjonijiet transfruntiera jibqgħu l-istess u l-frodisti jkomplu jisfruttaw id-dgħufija ta' dawn ir-regoli. L-istudju dwar id-diskrepanza tal-MTIC msemmi fl-introduzzjoni jistma li l-frodisti jkomplu jisfruttaw is-sistema tranżizzjonali tal-VAT għat-tranżazzjonijiet transfruntiera, u b'hekk iċaħħdu lill-Istati Membri minn ammonti sinifikanti ta' dħul. Id-diskrepanza tal-VAT qed tkompli tonqos, li turi li l-frodi nazzjonali tal-VAT qed tonqos. Madankollu, l-Istati Membri għadhom jipperċepixxu ħafna t-theddida minn skemi ta' frodi transfruntiera tal-VAT. L-Eurofisc jibqa' l-aktar mezz amministrattiv effettiv biex jiġi indirizzat dan it-tip ta' frodi, u b'hekk jagħti prova tar-rilevanza tal-qafas tal-UE.

## 3. KONKLUŻJONIJIET DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-QAFAS TAL-UE GĦALL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA TAL-VAT

Is-sejbiet ġenerali tal-evalwazzjoni jissuġġerixxu li l-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT huwa fil-biċċa l-kbira effettiv biex jiġi żgurat li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jkollhom il-mezzi kollha meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħhom biex jikkontrollaw it-tranżazzjonijiet transfruntiera għall-finijiet tal-VAT. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għandha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv għall-esperti tat-taxxa u tagħmel il-kontrolli aktar effiċjenti. Il-qafas tal-UE jibqa' rilevanti u koerenti, iżda l-koerenza esterna tiegħu trid tiġi riveduta biex tkun adattata aħjar għall-approċċ multidixxiplinari fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Fl-istess ħin, il-valur miżjud tal-UE tal-qafas huwa ċar għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u għall-kontribwenti.

Il-qafas tal-UE fil-biċċa l-kbira jissodisfa l-objettivi tiegħu, minkejja li l-effettività tal-approċċ multidixxiplinarju fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT tibqa' problema. L-Istati Membri jiddependu ħafna fuq mezzi differenti ta' kooperazzjoni biex jikkontrollaw l-għadd dejjem jikber ta' tranżazzjonijiet intra-UE. Madankollu, l-għadd kbir ta' tranżazzjonijiet transfruntiera ġiegħlet lill-Istati Membri jiddependu aktar fuq il-VIES, li tippermettilhom jiksbu l-informazzjoni b'mod awtomatizzat flimkien mal-Eurofisc biex jivverifikaw malajr is-suspetti ta' frodi. Mezzi oħra ta' kooperazzjoni jitħallew għal każijiet inqas urġenti. Dan ġie kkonfermat mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa li ġew ikkonsultati matul l-evalwazzjoni.

L-analiżi konġunta tar-riskju tad-data dwar il-VAT hija pprovduta mill-Eurofisc. L-Eurofisc identifika valur ta' EUR 49,8 biljun ta' tranżazzjonijiet suspettużi bejn l-2020 u l-2024. Dan l-ammont jista' jkun saħansitra akbar jekk l-Eurofisc kellu aċċess għal sorsi oħra ta' informazzjoni li bħalissa ma humiex disponibbli fil-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT iżda normalment ikunu disponibbli għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa fil-livell nazzjonali. Ikun ta' benefiċċju għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT li tiġi estiża l-lista ta' data li l-Eurofisc jista' jipproċessa. Pereżempju, permezz tal-aċċess għad-data dwar is-sjieda tal-benefiċjarji, l-Eurofisc jista' jiġġieled kontra l-użu ta' isem ħaddieħor fil-frodi tal-VAT. L-aċċess għar-reġistri tal-banek u l-kuntatti regolari mal-awtoritajiet għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (Unitajiet ta' Investigazzjoni Finanzjarja[20]) jippermettu lill-awtoritajiet japplikaw aħjar il-prinċipju "segwi l-flus" fil-ġlieda kontra l-frodi.

Il-konklużjoni ewlenija hija li filwaqt li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT qed tipprovdi qafas robust u li jiffunzjona tajjeb għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet rilevanti, il-frodi tal-VAT tibqa' theddida finanzjarja importanti għall-baġits nazzjonali u tal-UE. Barra minn hekk, il-frodi serja tal-VAT tipperikola wkoll is-sigurtà tal-UE, kif rikonoxxuta mill-Kunsill, peress li l-gruppi tal-kriminalità organizzata spiss jużaw il-profitti frawdolenti tal-VAT tagħhom biex jiffinanzjaw forom oħra ta' reati, bħall-kuntrabandu tas-sigaretti jew it-traffikar tad-droga.

F'dan l-isfond, ġew identifikati l-oqsma ewlenin li ġejjin fil-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT li fihom il-frodi tal-VAT tista' titnaqqas saħansitra iktar:

- is-simplifikazzjoni tal-kapaċità tal-Eurofisc li jidentifika l-frodi tal-VAT u jaġixxi bħala mekkaniżmu ta' twissija bikrija biex iwaqqaf il-frodi b'miżuri amministrattivi;
- l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u doganali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fuq l-importazzjoni, li tipprevedi qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-OLAF, l-Eurofisc u l-awtoritajiet doganali u tat-taxxa nazzjonali, inkluż aċċess dirett għad-data rilevanti; dan ġie nnotat ukoll mill-QEA fir-rapporti speċjali tagħha Nru 24/2015 u Nru 8/2025[21];

[20] Id-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

[21] Ara r-Rakkomandazzjoni 12 tar-Rapport Speċjali 24/2015: "L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Aktar azzjoni meħtieġa" u l-paragrafi 93 u 107 tar-Rapport Speċjali 08/2025: "Frodi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq l-importazzjonijiet — L-interessi finanzjarji tal-UE ma humiex protetti biżżejjed fil-qafas tal-proċeduri doganali għall-importazzjoni simplifikati".

- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni multidixxiplinari fil-livell tal-UE bejn diversi amministrazzjonijiet bħall-OLAF, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni, bħall-Europol u l-UPPE, inkluż l-aċċess dirett fil-livell tal-UE għad-data rilevanti f'konformità mal-mandat rispettiv tagħhom filwaqt li jitqiesu l-protezzjoni tad-data u s-salvagwardji proċedurali rilevanti.

## 4. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Biex tindirizza l-punti ta' interess elenkati hawn fuq, il-Kummissjoni se tikkunsidra emenda tal-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT li tiffoka fuq l-aspetti multidixxiplinarji tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT f'konformità mar-rieżami kontinwu tal-Arkitettura Kontra l-Frodi tal-UE[22].

### 4.1. It-tisħiħ tal-Eurofisc

F'dawn l-aħħar snin, l-Eurofisc kien meqjus mill-Istati Membri bħala għodda amministrattiva effettiva fil-ġlieda kontra l-frodi transfruntiera tal-VAT. Għandu aċċess privileġġat għall-informazzjoni dwar il-VAT u huwa mgħammar b'għodod effettivi għall-analiżi tar-riskju, bil-ġbir u bil-preanaliżi awtomatizzati tad-data, li tejbu ħafna l-funzjonament tiegħu. L-Istati Membri jirrikonoxxu wkoll il-valur miżjud tal-Eurofisc u r-rwol tiegħu fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Sabiex tieħu vantaġġ minn dan il-potenzjal, il-Kummissjoni se tesplora:

1. jekk il-governanza u r-responsabbiltà tal-Eurofisc għandhomx jissaħħu;
2. jekk **l-Eurofisc** tistax tibbenefika minn **informazzjoni addizzjonali, bħar-reġistri tal-kontijiet bankarji, id-data dwar is-sjieda tal-kumpaniji jew l-informazzjoni dwar il-ħasil ta' flus (FIUs, Financial Intelligence Units),** biex jiġu identifikati l-persuni responsabbli għall-frodi u l-assi finanzjarji tagħhom;
3. kif jiġi żgurat li **s-sinjali tal-Eurofisc jiġu segwiti b'miżuri amministrattivi f'waqthom biex titwaqqaf il-frodi, bħall-invalidazzjoni rapida tan-numri tal-VAT**, li jnaqqsu ż-żmien li jista' jaġixxi frodist.

### 4.2. It-tisħiħ tal-approċċ multidixxiplinarju fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT

Il-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT jista' jinfetaħ aktar għall-aċċess minn awtoritajiet oħra fi ħdan l-ambitu tal-mandat tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, b'mod partikolari l-frodi karusell. Dan huwa partikolarment urġenti għall-UPPE b'bosta investigazzjonijiet relatati mal-frodi transfruntiera tal-VAT. **Aċċess dirett għall-bażijiet tad-data tal-VAT fil-livell tal-UE, bħall-VIES jew is-CESOP**, iqassar b'mod konsiderevoli l-ħidma tiegħu għall-ġbir tad-data. Dan ikun daqstant importanti għall-OLAF fit-twettiq tiegħu ta' investigazzjonijiet amministrattivi ta' frodi doganali u għat-tmexxija tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u tal-VAT u l-Eurofisc.

It-tisħiħ tal-approċċ multidixxiplinarju fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT huwa wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT. L-evalwazzjoni turi li l-qafas falla f'dan ir-rigward peress li jipprevedi kooperazzjoni limitata

[22] Rieżami tal-arkitettura ġenerali kontra l-frodi marbuta mal-interessi finanzjarji tal-UE, li jiżgura kooperazzjoni effettiva u effiċjenti mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex jiġi protett il-baġit tal-UE. https://commission.europa.eu/about/organisation/college-commissioners/piotr-serafin_en

ħafna tal-Eurofisc mal-OLAF u mal-Europol. Il-Kummissjoni se tikkunsidra li ssawwar mill-ġdid din il-parti tal-qafas u tivvaluta s-soluzzjonijiet, inkluż l-aċċess dirett għall-informazzjoni skambjata taħt il-qafas tal-UE, li jkunu konformi mal-mandat u l-ħtiġijiet ta' dawn l-awtoritajiet.

Il-Kummissjoni se tesplora:

1. Modi kif jissaħħaħ il-qafas ġenerali ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-UE biex jiġi appoġġat approċċ multidixxiplinarju aktar effettiv fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT;

2. Fit-terminu qasir, l-għażliet biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-Regolament tal-UPPE[23] u tar-Regolament tal-OLAF[24] mal-Qafas tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT, inklużi l-possibbiltajiet għal aċċess dirett mill-UPPE u mill-OLAF għad-data dwar il-VAT fuq tranżazzjonijiet transfruntiera, filwaqt li jitqiesu s-salvagwardji rilevanti tal-protezzjoni tad-data;

3. F'pass usa' u sussegwenti, il-possibbiltà ta' rieżami komprensiv tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 li jippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti mal-awtoritajiet kollha tal-UE kontra l-frodi inklużi d-dwana u l-Europol fil-mandati rispettivi tagħhom.

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

[24] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999.